Minuti tal-Laqgħa Nru. 22 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| Assenti | Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur Eric Camilleri<br>Is-Sur Kearon Bruno |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |
| Preżenti wkoll | Is-Sur. Joseph Piscopo (accountant) |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2. Approvazzjoni tal-Financial Statements

3. Affarijiet oħra

4. Aġġornament

Is-Sindku semma li s-Sinjorina Denise Cutajar hija ma tiflaħx, il-Kunsillier Eric Camilleri ma setax jattendi billi kellu impennji ta' saħħa fil-familja u l-Kunsillier Kearon Bruno kien impenjat fuq l-istudji tiegħu.

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku awgura lis-Sur. Joseph Piscopo billi huwa kien reġa inħatar bħala President tas-Soċjeta Filarmonika l-Unjoni għal darb oħra.

1.2 l-minuti ġew ipproponuti mill-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondati mill-Kunsillier Victor Caruana.

## 2.0 APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS

2.1 Is-Sindku talab lis-Sur. Piscopo biex jispjega l-financial statements li ltqajna apposta biex napprovawhom. Is-Sur. Piscopo semma li nistgħu nirreferu mill-ewwel għall istatement of Financial Position fejn hemm it-total tal-Assi u Liabilities li għandu l-Kunsill Lokali. Huwa talab lill-Kunsilliera sabiex jagħmlu cross reference għan numri li hemm maġenb il-figuri u niċċekkjawhom mal-workings li hemm fuq il-parti ta' wara tal-financial statements.

2.2 Is-Sur. Piscopo irrefera wkoll għall Profit or Loss and other Comprehensive Income Account billi dan jindika jekk il-Kunsill Lokali kellux telf jew qliegħ matul is-sena fejn dan għall darb' oħra irreġistra qliegħ. Is-Sur Piscopo semma wkoll li dan il-fatt huwa ukoll indikat mill-mod ta' kif inħadmet id-depreciation fuq l-assi.

2.3 Is-Sur. Piscopo semma li mis-sena d-dieħla l-quddiem il-workings ta kif se jkun ikalkulat id-deferred income se tkun differenti minn kif kienet issir s' issa. Huwa qal li b' dan il-mod se nkunu qed naraw stampa aktar reali fuq is-sitwazzjoni tal-Kunsill.

2.4 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex issa ngħaddu għall approvazzjoni ta' dawn l-istatements. Il-Kunsilliera Massa ipproponiet u l-Kunsillier Caruana issekonda. L-istatements kienu approvatti.

## 3.0 AFFARIJIET OĦRA

3.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa meta kienet se ssir il-laqgħa mal-Ispettur dwar il-problema tal-Iskola. Is-Segretarju qal li huwa kien diġa ikkuntattja lil-Ispettur u dan tah data. Huwa qallu li se jinfurmah bid-data.

3.2 Is-Sindku semma li kienet se ssir il-laqgħa plenarja fl-4 ta’ Marzu. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jattendu għall din il-laqgħa.

3.3 Il-Kunsillier Caruana irringrazzja lill kull minn kien ta’ sehem fl-okkażżjoni tar-restawr tal-Istatwa ta’ Sant’ Andrija għax anki ċ-ċerimonja kienet tajba ħafna.

3.4 Is-Sindku semma li l-ark tal-Istatwa ta’ Sant’ Andrija kien hemm persuna li kienet qed tieħu ħsiebu u li anki dakinhar taċ-ċerimonja għamlet pressjoni qawwija u talbet iċ-ċavetta. Is-Sindku qal li din ma kinitx skont il-liġi għax il-mod kif kienu qed jiġu amministratti l-fondi ma kienx qed ikun hawn kontabilta. Is-Sindku qal li dan qed jagħti lok għall misappropjazzjoni ta’ fondi pubbliċi.

3.5 Is-Sindku ssuġġerrixxa biex kif issa l-Kunsill kien għadu kif għamel dan il-proġett nieħdu wkoll f’ idejna r-responsabilta tal-mixgħela tal-arkata, jinfetaħ kont apposta tal-Kunsill Lokali li l-flus li jinġabru biex ikun hemm din il-mixgħela jkunu depożitati f’ dan il-kont biex minnu jitħallas il-konsum tal-elettriku u l-manutenzjoni. B’ hekk ukoll ikun hemm aktar trasparenza fit-tmexxija ta din l-istatwa. Il-Kunsilliera preżenti lkoll qablu ma din il-proposta għax ħassew li b’ hekk il-Kunsill se jkun salvagwardjat u ma jagħtix lok li jkun hemm minn juża l-fondi għall gwadan personali.

3.6 Is-Sindku semma li huwa se jmexxi fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill u jekk ikun hemm reżistenza jkollu jipproċċedi bil-Pulizija.

## 6.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tnejn 13 ta’ Frar 2017 fis-5.40 pm. Kien hemm id-data tal-bidu ta’ Marzu proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2017.

______________________ John Schembri, Sindku

______________________ Michael Portelli, Segretarju Eżekuttiv